MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 610/2007

**Joseph George Micallef (33447M) u Diane Micallef (223001L)**

**vs**

**Anthony Vassallo (237525M) u b' digriet tat-8 ta' April 2010 l-atti gew trasfuzi f'isem Carmel *sive* Charles, Doris, Emanuel, Joseph, Iris u Martin ahwa Vassallo u Beatrice Vassallo, *stante* l-mewt ta' Anthony Vassallo, u Beatrice Vassallo (738227M) ghal kull interess li jista' ikollha.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Joseph George Micallef u Diane Micallef datat 1 ta’ Gunju 2007 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-esponenti jippossjedu flimkien u indivizament bejniethom porzjoni diviza ta’ art fir-Rabat, Malta, b’faccata fuq Triq Gheriexem u b’faccata ohra fuq Triq it-Torri l-Ahmar, tmiss mit-Tramuntana ma’ Triq Gheriexem, mix-Xlokk ma’ Triq it-Torri l-Ahmar u mil-lvant in parti ma’ proprjeta’ tal-esponenti u in parti ma’ proprjeta’ ta’ Joseph Spiteri u Geraldine Spiteri, gia formanti parti mill-gardina annessa mad-dar maghrufa bhala ‘It-Torri l-Ahmar’, fi Triq Gheriexem, ir-Rabat.

Illi fi proceduri intavolati mill-konvenut Anthony Vassallo u ohrajn kontra l-esponent Joseph George Micallef **(John Agius et** vs **Joseph Micallef:** Citaz. Nru. 1642/2001JA - deciza fis-16 ta’ April 2004), din il-Qorti diga’ rrikonoxxiet il-pussess esklussiv tal-esponenti ghar-rigward tal-imsemmija porzjoni diviza ta’ art.

Illi f’dawn l-ahhar jiem il-konvenuti, abbuzivament u minghajr ebda jedd legali, qabdu u bnew hajt fl-imsemmija porzjoni art, u ghalqu il-faccata tal-istess art fuq Triq it-Torri l-Ahmar, ir-Rabat, bi hsara tad-drittijiet tal-esponenti.

Illi dan l-agir illegali u abbuziv tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll ghad-dannu tal-esponenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-bini tal-hajt mill-konvenuti sar abbuzivament u minghajr jedd legali u li l-agir tal-istess konvenuti jikkostitwixxi spoll ghad-dannu tal-istess atturi fit-termini tal-artikoli 534 *et seq.* tal-Kodici Civili (Kap. 16).

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, jirripristinaw l-art tal-atturi fl-istat li kienet qabel ikkommettew l-ispoll ghad-dannu tal-istess atturi.

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu x-xoghlijiet mehtiega a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 2 tal-process.

Rat li l-kawza giet appunata quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli ghall-21 ta' Novembru 2007.

Rat ir-risposta guramenta tal-intimati Anthony Vassallo u Beatrice Vassallo datata 21 ta' Awwissu 2007 a fol. 55 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu dedotti fil-konfront tar-rispondenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghaliex ir-rispondenti ma kkommettew ebda spoll ghad-dannu tal-atturi.

2. Illi tnejn mit-tliet elementi mehtiega ghar-riuxxita ta' kawza ta' spoll, u cioe` l-element tal-pussess fil-persuna illi taghmel l-azzjoni u l-element tal-att spoljattiv vjolenti u klandestin huma karenti u ghalhekk l-azzjoni attrici ma tista' qatt tirnexxi.

3. Illi l-atturi la huma proprjetarji u lanqas ma jippossjedi l-porzjon diviza ta' art mertu ta' din il-kawza, il-faccata ta' liema fejn taghti fuq Triq it-Torri l-Ahmar, Rabat, giet maghluqa b'hajt u ghalhekk huma lanqas m'ghandhom l-interess guridiku mehtieg biex jipprocedu b'din l-azzjoni.

4. Illi l-hajt in kwistjoni inbena minn u fuq inkarigu ta' terzi, u mhux mir-rispondenti odjerni, u r-rispondent Anthony Vassallo jaf illi dan sar in konformita' ma' *policies* u direttivi mahruga minn awtoritajiet pubblici regolaturi u ghalhekk il-bini ta' dan il-hajt ma jista' qatt jitqies bhala att ta' spoll.

5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol 56 tal-process.

Rat ir-rikors ta' Joseph Micallef u Dianne Micallef datat 7 ta' April 2010 a fol 70 tal-process fejn l-esponenti talbu lill-Qorti li l-kawza tghaddi fil-persuni ta' Carmel *sive* Charles, Doris, Emanuel, Joseph, Iris u Martin ahwa Vassallo, ulied Anthony Vassallo, u fil-persuna tal-armla tieghu ossia konvenuta l-ohra Beatrice Vassallo.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli bix-xhieda kollha quddiemha prodotta.

Rat li l-kawza kienet appuntata biex tinstema' quddiem din il-Qorti ghat-8 ta' Marzu 2011.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Gillian Portelli flimkien max-xhieda kollha quddiemha prodotta u bid-dokumenti hemm prezentati.

Rat il-verbali kollha mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2011 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Phyllis Aquilina ghall-attur attur prezenti u Dr. Chris Cilia ghall-konvenuti, Iris Vassallo prezenti. Id-difensuri ddikjaraw li ma ghandhomx izjed provi. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Ottubru 2011.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **"John Agius et vs Joseph Micallef"** (P.A. (JA) – 16 ta' April 2004).

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-atturi qed jallega li l-konvenut ikkomettew spoll meta bnew hajt fuq porzjoni ta’ art b’faccata fuq Triq it-Torri l-Ahmar, liema art ghandha faccata wkoll fuq Triq Gheriexem, u tmiss mit-Tramuntana ma’ Triq Gheriexem, mix-Xlokk ma’ Triq it-Torri l-Ahmar, u mill-lvant in parte ma’ proprjeta’ tal-atturi, u in parte ma proprjeta’ ta’ Joseph u Geraldine Spiteri, gia formanti parti mill-gardina annessa mad-dar maghrufa “It-Torri l-Ahmar, fi Triq Gherixiem, ir-Rabat, b’dan li bl-istess hajt qed jinghad li ghalqu l-faccata ta’ l-istess art ghall fuq Triq it-Torri l-Ahmar, Rabat, bi hsara ghad-drittijiet tal-atturi.
Illi jinghad li l-principji bazilari tal-azzjoni ta’ spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, skond id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 534 tal-kap 16** u l-**artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**, u huma bbazati fuq it-tliet rekwisiti tal-*actio spolii* u cioe`:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta’ din il-Qorti fl-ismijiet “**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**” (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta’ Jannar 1999 u “**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**” (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta’ April 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-gurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati s-segwenti principji u cjoe’ li:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta’ l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b’titolu ta’ proprjeta` jew servitu`, izda anke purament materjali jew di fatto, izda mhux ta’ mera tolleranza (**Joseph Vassallo Gatt nomine vs**

**Joseph Camilleri proprio et nomine** – App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) *"L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest"* (**Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna** – P.A.H.H. 21 ta' Frar 1983), pero` *"pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll"* (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b' dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**Camilleri vs Giglio** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza "**Marthese Borg vs Gorg Borg**" (P.A. – 25.2.1993) inghad li:-

"*L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*"

Illi dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "**Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut**" (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li:-

"*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b' mod konklussiv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni.*" (**Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius** – P.A. 5 ta' Ottubru 1992).

(c) Illi abbazi tal-**artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

"*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*"

Illi hekk il-kawza "**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**" (P.A. (FGC) - 12 ta' Gunju 1998) gie riaffermat li:-

"*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta'*

*pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" (**Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone** – A.C. - 9 ta' Marzu 1992).

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza "**Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar**" (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra l-volonta` tal-pussessur b' mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**Joseph Scerri vs Spiridione Falzon** – P.A. (A.M.) 24 ta' Jannar 1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. (JSP) 30 ta' April 1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**Margherita Fenech vs Paolo Zammit** – P.A. 12 ta' April 1958, Vol XLLI. Pg. 973; **Carmelo Sacco vs Paul Sacco** – Appell 23 ta' Jannar 1998).

(f) Illi fis-sentenza "**Alfred Pisani et vs Victor Farrugia**" (P.A. (FGC) – 21 ta' Jannar 1994) gie riaffermat li:-

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati*

*nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir *"fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv"*, b'dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza "**Norman Vassallo vs Filomena Esposito**" (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li *"meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkonmbi fuq l-eccippjenti ghaliex skond l-artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

Illi minbarra dan dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **"N.M.J.Agius vs A. Said"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999.Citaz. Numru 2426/97/RCP); **"Joseph Mary Debono vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri nomine"** (P.A. 26 ta' April 1999 Citaz. Nru. 1704/98/RCP); **"Dr. Rene` Frendo Randon vs David Sciberras"** (P.A. 20 ta' Mejju 1999. Citaz. Nru. 2459/98/RCP); **"C. Fino & Sons Limited vs Market Consult Limited"** (P.A. 1 ta' Lulju 1999, Citaz. Nru. 1596/98/RCP); **"Maria Concetta Lando vs Eugenio Galea"** (P.A. 15 ta' Gunju 1999, Citaz. Numru 610/99/RCP); **"Christine Ward vs Neville Ward"** (P.A. 13 ta' Lulju 1999, Citaz. Numru 2082/98/RCP); **"Nazzareno Camilleri vs Joseph Buhagiar"** (P.A. 30 ta' Novembru 1999, Citaz. Numru 2328/98/RCP); **"Alan Mckay vs Jacqueline Mckay"** (P.A. 27 ta' Jannar 2000, Citaz. Numru 1660/98/RCP); **"Salvu Gauci vs Gaspare Psaila"** (P.A. 11 ta' April 2000, Citaz. Numru. 1887/97/RCP); **"Abela vs Abela"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 1949/99/RCP); **"John Saliba vs Joanne Refalo"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 467/98/RCP); **"Anthony Micallef vs Doris Micallef"** (P.A. 2 ta' Mejju 2000, Citaz. Numru 1167/99/RCP); **"Carmelo Fenech vs Joseph Vella"** (P.A. RCP. 3 ta' Ottubru 2000); **"Carmelo Mifsud vs Giuseppi Schembri"** (P.A. RCP 25 ta' Ottubru 2000); **"Clive**

**Simpson vs Louis Muscat et"** (P.A. 13 ta' Frar 2001, Citaz. Numru 2451/98/RCP); **"Neville Xuereb vs Raymond Aquilina"** (P.A. RCP 14 ta' Marzu 2001); **"Marcus Xuereb vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2142/99/RCP); **"NMR Properties Limited vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2141/99/RCP); **"Giuseppi Spiteri vs Anthony Theuma"** (P.A. RCP 26 ta' April 2001); **"Mark Napier vs Andre` Bianchi"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 692/99/RCP); **"Michael Fenech vs Licari Estates Limited et"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 2139/99/RCP) u "**Paul Carbonaro vs Norman Dimech**" (P.A. 12 ta' Lulju 2001 – Citaz. Numru 632/98/RCP) u **"Joseph Aquilina vs Gordon Gerada"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) u **"Joseph Aquilina vs Paul Calleja et"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) fost ohrajn. Tali principji gew ukoll ikkonfermati bis-sentenzi **"Fal-con Limited u C & F Enterprises Limited vs Andre' u Maria konjugi Vassallo"** moghtija minn din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Jannar 2006 (Citaz. Numru 972/1997/RCP) u **"Farr Limited vs Edward Cassar"** (P.A. (RCP) – 7 ta' Dicembru 2006).

Illi din il-Qorti b'applikazzjoni tal-principji fuq enuncjati ghall-kaz in ezami u wara li ezaminat bir-reqqa l-provi jirrizulta li l-atturi qed jallegaw li kellhom pussess tal-istess porzjoni diviza ta' art u li l-konvenuti fit-22 ta' Mejju 2007 bnew l-imsemmi hajt ta' cirka seba' filati fuq din il-porzjoni ta' art fuq il-parti tal-faccata taghha li taghti ghat-Triq it-Torri l-Ahmar.

Illi jidher li l-atturi qed jallegaw li huma dejjem kellhom pussess ta' din l-art minn meta xtraw id-dar maghrufa bhala it-Torri l-Ahmar, bin-numru 82, Triq Gherixien, ir-Rabat, b'kuntratt datat 7 ta' Frar 1979, u li jghidu li din l-art mertu tal-kawza odjerna kienet parti mill-istess dar li baqghet ma nbietx, u qed jigi allegat li l-access ghal din il-porzjoni diviza ta' art kien biss mill-gnien tad-dar taghhom u aktar tard minn fuq l-arja tal-garaxx li kien bena.

Illi jinghad li jirrizulta mix-xhieda li ta l-attur quddiem din il-Qorti fit-8 ta' Gunju 2011 li qabel kien hemm hajt tas-sejjiegh li l-attur stess lanqas jaf meta twaqqa', pero' dan kien snin ilu u huwa jsostni li l-unika access li hemm kien minn naha tal-gallerija tieghu ta' quddiem skond kif iddiskrivi fl-istess xhieda, u fid-dawl ta' dan u r-ritratti esebiti mill-atturi stess mar-rikors promotur jirrizulta car li l-atturi ma ppruvawx li ghandhom pussess tal-istess art, u fil-fatt lanqas setghu jidhlu ghaliha minn fejn inbena l-istess hajt, tant li jirrizulta mill-istess ritratti li access minn dik il-parti tat-triq ma kienx hemm ghaliex hemm dislivell qawwi mit-triq sabiex taccedi ghall-istess art u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss, li wara li hija stess semghet ix-xhieda tal-imsemmi attur u ta' Iris Cutajar (8 ta' Gunju 2011) thoss li l-atturi ma ppruvawx li kellhom pussess esklussiv tal-istess art.

Illi anzi jidher li fejn sar il-hajt mertu tal-kawza odjerna dan kien miftuh u ovvjament il-hajt inbena minn min qed sallum jippretendi li ghandu proprjeta' ta' l-art, u kellu zgur access ghal dik il-parti fejn sar il-hajt mertu tal-kawza odjerna, anke ghaliex qed jinghad li tali proprjeta' qeghda fuq konvenju ma' terzi; veru li minn naha taghhom l-atturi jghidu li din hija proprjeta' taghhom, izda l-kwistjoni ta' proprjeta' bejn il-kontendenti mhux ser tigi deciza hawn ghaliex dik ghandha tkun mertu ta' kawza petitorja, izda f'din il-kawza din il-Qorti thoss li l-atturi ma ppruvawx li ghandhom jew kellhom pussess tal-istess art, u zgur li dan ma kienx minn dik il-parti fejn kien hemm il-hajt.

Illi saret riferenza ghas-sentenza **"Joseph Agius vs Joseph Micallef"** (P.A. (JA) – 16 ta' April 2004) li kienet tittratta dwar twieqi li fethu l-atturi odjerni fil-hajt divizorju li jaghti fuq l-istess art, u fejn gie deciz li l-azzjoni mill-atturi f'dik il-kawza saret hafna iktar mix-xahrejn minn meta infethu l-istess aperturi fl-istess hajt divizorju. Dan pero' bl-ebda mod ma jfisser li l-atturi odjerni kellhom il-pussess materjali tal-istess art mertu tal-kawza odjerna, u s-sentenza citata kienet tirreferi biss ghall-istess aperturi fil-hajt divizorju u giet deciza biss fuq it-terminu meta ssir l-istess kawza ta' spoll, u allura l-atturi ma jistghux jistriehu fuqha sabiex ivantaw pussess ta' l-istess art bil-mod kif

qed jippretendu f'din il-kawza, pussess li assulutament ma giex ippruvat, u dan iktar u iktar fil-parti fejn inbena l-hajt mertu tal-kawza odjerna. F'dan il-kuntest issir riferenza ghal dak li qalet il-Qorti fil-kawza citata mill-atturi fl-ismijiet **"Joseph Agius vs Joseph Micallef"** (P.A. (JA) – 16 ta' April 2004) li ghandu japplika wkoll ghall kaz in ezami u cjoe:-

*"Certu drabi l-Qorti thoss li l-attur jippreferi jintavola l-azzjoni ta' spoll meta l-azzjoni petitorja tkun iktar indikata, sempliciment ghaliex fl-actio spolii l-prova li jkollu bzonn l-attur biex il-kawza tirnexxi huwa ferm inqas minn dawk rikjesti fl-azzjoni petitorja".*

Illi dan japplika wkoll ghall-atturi odjerni, u din il-Qorti tafferma li f'dan il-kaz, u mill-atti processwali kollha ma jirrizultax li l-atturi kellhom pussess tal-art mertu tal-kawza odjerna u wisq inqas access minn dik il-parti tal-art fejn inbena l-hajt, anzi jirrizulta li l-konvenuti kellhom certament access ghall-istess parti tal-art fejn inbena l-hajt, li jidher li kienet traskurata mill-atturi, kif jirrizulta ampjament anke mix-xhieda taghhom stess. Dwar il-portata tas-sentenza citata mill-atturi, apparti dak li inghad f'din is-sentenza, jirrizulta li din ma tghinx lill-atturi fil-mertu ta' din il-kawza, u fil-kuntest tal-istess decizjoni huwa interessanti dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Joseph Portelli et vs Fondazzjoni Belt Vittorja et"** (Q.M. (GH) (JD) – 29 ta' Lulju 2011 dan in kwantu tirreferi ghall-aperturi fil-hajt divizorju (li mhux il-mertu tal-kawza odjerna) fil-kuntest anke ta' tolleranza.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi u qed tigi respinta bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta guramentata tal-konvenuti datata 21 ta' Awwissu 2007 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-**

**talbiet attrici ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.**

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------